

Brussell, 8 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8548/26

COPS 234
CFSP/PESC 571
CSDP/PSDC 250
PSC DEC 17
COWEB 49

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap ta' Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo* (EULEX KOSOVO) (EULEX KOSOVO/1/2026)

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/...

ta' ...

li testendi l-mandat tal-Kap ta' Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo* (EULEX KOSOVO) (EULEX KOSOVO/1/2026)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tagħha,

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

¹ ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2008/124/oj.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 12(2) tal-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO), inkluż id-deċiżjoni li jaħtar ta' Kap tal-Missjoni.
- (2) Fl-10 ta' Ġunju 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1187², li testendi l-mandat tas-Sur Giovanni Pietro BARBANO bħala Kap tal-Missjoni EULEX KOSOVO mill-15 ta' Ġunju 2025 sal-14 ta' Ġunju 2026.
- (3) Fil-15 ta' April 2026, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Giovanni Pietro BARBANO bħala l-Kap ta' Missjoni tal-EULEX KOSOVO mill-15 ta' Ġunju 2026 sal-25 ta' Ġunju 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/1187 tal-10 ta' Ġunju 2025 li testendi l-mandat tal-Kap ta' Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) (EULEX KOSOVO/1/2025) (ĠU L, 2025/1187, 12.6.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1187/oj>).

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Giovanni Pietro BARBANO bħala Kap ta' Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) huwa estiż mill-15 ta' Ġunju 2026 sal-25 ta' Ġunju 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
